# KOTBA GĦAT-TFAL




Deejem nieħu gost li nissuġerixxi kotba għat-tfal! Għaliex mhux biżżejjed li nifhmu l-bżonn tal-qari imma t-tfal iridu jsibu kotba li jogħġbuhom. Għall-grazzja t'Alla llum hawn kotba tajbin li jistgħu mhux biss jagħtu gost lil uliedna imma forsi anke jqabbduhom in-namra tal-qari. Is-sajf huwa wkoll żmien tajjeb fejn it-tfal ikunu bil-mistrieħ tagħhom.

Illum ser inkun qed nissuġġerixxi Ktieb ix-Xwejjaħ tal-Professur Ġorġ Mallia.

## Ktieb ix-Xwejjaħ ta' Ġorġ Mallia

Kemm nieħdu pjaċir meta ktieb li jkun ħalla impatt fuqna jerġa' joħroġ, għax li kieku dan ma jseħħx ikun aktar diffiċli biex nakkwistaw dak oriġinali. Sabiex jiġri dan iżda, mhux biżżejjed li l-ktieb ikun għamel suċċess, imma l-ktieb irid ikun relevanti għaż-żmien tal-lum. U propju dak li nsibu f'dan il-ktieb uniku: Karatteristiċi li għadhom isaħħru lit-tfal tal-lum t-tfal tal-lum daqs kemm kienu dawk tal-1987 meta dan il-ktieb ħareġ għall-ewwel darba minn Klabb Kotba Sagħtar.

Skont l-awtur innifsu mis-sit tal-pubblikaturi (merlinpublishers.com) "Jien stess bil-ħniena kien għad baqagħli xi żewġ kopji … jiġifieri meta l-ħabib tiegħi Chris Gruppetta semmihuli xi sentejn ilu, u qalli li kien jaf bil-post tiegħu fl-istorja tal-kotba f'Malta u qalli wkoll li hu stess m'għandux kopja, qallibt kullimkien biex sibt kopja għalih.

Lil Chris għedtlu li nixtieq nirrevedih ftit. Mhux ħafna. Ovvjament naġġorna l-Malti li f'sitta u tletin sena nbidel kemm-il darba, imma wkoll inżid xi affarijiet.

Xtaqt inżid dik l-istorja li kienet ippubblikata f'Lejn ix-Xefaq u għal xi raġuni ma sabitx postha fl-ewwel pubblikazzjoni. Ridt noħloq backstory għal wieħed mill-aktar karattri għal qalbi fil-ktieb, il-Kavallier, u sadanittant inżid ukoll sfond għall-ġrajja kollha kemm hi."

Dan il-ktieb kien pijunier fil-qasam tal-fantasija medjevali. Dan il-ġeneru jinkludi xogħlijiet fejn aspetti tal-istorja medjevali bħal leġġendi mill-Medju Evu, l-arkitettura, armi bħal xwabel, sjuf u tarki, fost oħrajn jitwaħħdu mal-fantasija. Dan mhux restritt għal dak tal-Ewropa ċentrali għax insibu wkoll dawk ambjentati f'pajjiżi Nordiċi.

Ovvjament dan il-ġeneru mhux restritt għall-kotba tat-tfal. Biżżejjed insemmu Legend of Zelda (1986-), Dungeons & Dragons (1974), t-triloġija ta' Lord of the Rings (1954-1955) u A Song of Ice and Fire ta' George R. R. Martin. Min ma semax b'A Game of Thrones l-ewwel minn din is-serje.

Jekk insemmu kotba tat-tfal, f'pajjiżna biżżejjed insemmu "Il-Fiddien", mill-kitba ta' Simon Bartolo u Loranne Vella. Din it-triloġija tinkludi fost oħrajn il-kotba Sqaq l-Infern, Wied Wirdien u Il-Ġnien tad-dmugħ.

Dan il-ktieb jibda bix-xwejjaħ li qed jirrakonta lit-tfal dwar din il-belt jisimha Terani fejn kien jgħix dan is-sultan twajjeb Abadnari. Il-ktieb fil-fatt jibda hekk:

"…u malli tgħib ix-xemx wara xefaq aħmar, it-tfal kienu jduru max-xwejjaħ tad-daqna bajda u waqt li l-ilsna tan-nar tal-ħatab itaffu s-sirda tal-lejl, kienu jitolbuh jgħidilhom storja miż-żmien ta' qabel ma d-dinja saret kif inhi."

U ngħiduha kif inhi, it-tfal ta' kull żmien, biex ma ngħidx ukoll ta' kull pajjiż, ma jitgħaxxqux jisimgħu l-istejjer. U mbagħad Nil-taqgħu ukoll mal-Viżjier u Rejnon is-saħħar apprentist fil-palazz tas-Sultan ta' Terani.

## Bejn kull storja hemm kwotazzjoni

Il-ktieb huwa wieħed movimentat u t-tfal ser jinżammu fuq ix-xwiek biex jaraw x'ser jiġri. Il-karattri jkomplu jżewqu dan il-ktieb ngħidu aħna l-mostru, serp kbir miksi bi qxur li kienu jidhru sodi daqs l-azzar, il-ġolf liebes il-ġlud tal-annimali b'xabla f'idu, is-sħaħar il-ħżiena mmexxija mis-saħħar Erdon u ħafna oħrajn.

Imbagħad ma jonqosx l-ambjent tal-fantażija ngħidu aħna l-belt imsaħħra ta' Emerat li kienet mibnija `l fuq mis-sħab. Kif għidt fil-bidu, dawn huma dawk l-elementi li jikkaratterizzaw dan il-ġeneru u li għadhom isaħħru lit-tfal.

Għaldaqstant dan il-ktieb fih dawk l-ingredjenti kollha infilsati f'dawn iż-żewġ taqsimiet li jagħmlu dan il-ktieb tabilħaqq relevanti għaż-żmien tal-lum.

Il-ktieb huwa illustrat mill-awtur innifsu, mill-Professur Ġorġ Mallia u dan fil-fehma tiegħi ġa fih innifsu jagħti ħafna u ħafna valur lil dan l-ktieb.

Ktieb li nissuġġerixxi li jkun f'idejn uliedna.

## Aħbarijiet Letterarji

Insellmu lil Raymond Mahoney

F'isem il-Paġna letterarja tat-Torċa nsellem il-memorja ta' Raymond Mahoney, poeta, xandar u jibqa' magħruf għal diversi musicals li kiteb fosthom ir-rock opera "Ġensna". Musicals oħra li tagħhom kiteb il-lirika huma 'Bastilja', 'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika', 'Il-Gwerra ta' Spiru Cefai', 'Żeża tal-Flagship', 'It-Tfajla tal-Palazz', 'It-Tieġ ta' Karmena Abdilla' u 'Il-Bandiera tal-Maltin'.

Mahoney kiteb ukoll il-kanzunetta 'Little Child' li biha Mary Spiteri ġiet fit-tielet post fil-Eurovision Song Contest tal-1992 u sena qabel kiteb 'Could it Be' interpretata minn Paul Giordimania u Georgina Abela, fejn f'dak il-Eurovision, Malta ġiet fis-sitt post.

Ix-xogħol tiegħu jixhed il-ħakma tajba li kellu tal-kelma u s-sengħa kbira poetika tiegħu. Il-poeżija tiegħu fiha l-ingredjenti kollha li jsawru poeżija tajba fosthom għażla tajba u mirquma tal-kelma, lingwaġġ figurattiv, ritmu u oriġinalità.

Raymond Mahoney twieled f'San Ġiljan u kien wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju.

Kemm Hu Sabiħ

(Kanzunetta ta' Sammy Bartolo kliem ta' Ray Mahoney, mużika ta' Paul Abela)

Kemm hu sabiħ li f'dell is-sħab imtaqqal
Biex tara d-dlam żagħżugħ, għajnejk tagħlaqhom
Kemmm hu sabiħ li torqod u tistenbaħ
U tibqa tara d-dlam għalkemm tiftagħhom

Ħsibt

Kemm hu sabiħ Ii tgħix u tgħajjex darba